MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Numru 2603/1999/1

**Harry SALIBA**

**vs**

**Denise CARUANA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-26 ta' Novembru, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, l-attur talab li l-Qorti tiddikjara li huwa għandu jedd jitħallas lura l-flus li ħareġ biex inxtrat karozza fuq isem l-imħarrka, u kif ukoll li jistħoqqlu jingħata kumpens għal spejjeż u xogħol li huwa għamel f'appartament mixtri minnha;  talab ukoll il-likwidazzjoni tal-imsemmi kumpens għas-serviġi li huwa taha; u talab li l-imħarrka tħallsu lura l-flus li ħareġ u l-valur tal-kumpens likwidat;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-23 ta' Ġunju, 2000, li biha l-imħarrka laqgħet għat-talbiet tal-attur billi, fl-

ewwel lok, qalet li t-talbiet għandhom jiġu miċħuda għaliex mibnija fuq il-kawża falza u illeċita ladarba tnisslu minn relazzjoni ta' bejniethom barra ż-żwieġ. Laqgħet ukoll billi qalet li l-flus li l-attur ħareġ għall-ħlas tal-karozza kienu mogħtijin minnu b'donazzjoni u li qatt ma ippretenda kumpens għalihom. Laqgħet ukoll billi qalet li x-xogħol li għamel l-attur fl-appartament tagħha kien f'kamra waħda biss u dan għamlu minn jeddu, mingħajr interessi jew mingħajr il-fehma ta' xi kumpens. L-imħarrka ressqet ukoll Kontro-talba għall-kundanna tal-attur għall-ħlas lilha ta' serviġi;

Rat il-Kontro-talba mressqa mill-imħarrka fit-23 ta' Ġunju, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, hija talbet li l-Qorti tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat iħallasha lura l-ispejjeż li hija ħarġet għall-benefiċċju tal-istess attur fix-xiri ta' ħwejjeġ; tikkundannah iroddilha l-flus kollha li sellfitu, u dan wara li l-ammont hekk misluf jiġi likwidat; u biex tikkundanna lill-istess attur iħallasha l-kumpens għas-serviġi li hija għamlet għall-benefiċċju tiegħu, wara li jiġi dikjarat li hija irrendiet dawk is-serviġi;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fil-21 ta' Lulju, 2000, li biha l-attur rikonvenzjonat laqa' għall-Kontro-talba billi qal li l-istess talbiet rikonvenzjonali huma mibnija kollha fuq ir-relazzjoni li l-imħarrka qalet li kienet waħda illeċita, u li, f'kull każ, l-imħarrka ma kellha jedd għall-ebda kumpens;

Semgħet ix-xhud imressqa mill-partijiet;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet bil-mezz tal-affidavit u kif ukoll il-provi dokumentali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Ottubru, 2005, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ħlas lura ta' flus minfuqa fl-interess tal-persuna mħarrka, u kif ukoll għas-serviġi mogħtijin lill-istess persuna. L-attur kien għamel xi żmien f'relazzjoni mal-imħarrka u, għaliex hija temmitha u ma riditx taf bih aktar, qiegħed issa jitlob li troddlu lura kull spejjeż li ħareġ fl-interessi tagħha u kif ukoll il-kumpens għax-xogħlijiet li għamel fil-post mixtri minnha;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrka laqgħet billi tgħid li l-ebda talba tal-attur ma jmissha tintlaqa' għaliex jitnisslu mir-relazzjoni illeċita li huma kellhom bejniethom barra ż-żwieġ. Minbarra dan, kull ammont li l-attur ħareġ għall-ħlas tal-karozza tagħha kien donazzjoni u mingħajr il-ħsieb li jingħata lura. Fuq kollox, l-attur ma għamel l-ebda spejjeż u ma jistħoqqlu l-ebda kumpens, għaliex ix-xogħol li għamel wettqu minn rajh u bla ħsieb ta' ħlas. Tgħid li kienet hi li sellfet lill-attur flus u hu qatt ma raddhomlha lura u li kienet hi li daret bih u jistħoqqilha kumpens mingħandu;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attur u l-imħarrka kienu joħorġu flimkien għal madwar erba' (4) snin. Iltaqgħu f'Ottubru tal-1995. L-imħarrka kienet diġa' omm ta' tifel li kellha minn relazzjoni ma' ħaddieħor, filwaqt li l-attur kien miżżewweġ u mifrud b'sentenza tal-Qorti[1] minn ma' martu u kellu tifel minnha, li l-attur kellu l-jedd ta' aċċess biss għalih. Lill-imħarrka kien jgħidilha li kien fi proċeduri biex jikseb id-divorzju minn ma' martu. Min-naħa tagħha, l-imħarrka ma riditx iddaħħlu jgħix magħha fl-appartament tagħha qabel ma jkun inkiseb id-divorzju. Sakemm infirdu, id-divorzju ma kienx ingħata. L-attur jaħdem bħala kok fi stabilimenti kummerċjali, u għamel xi żmien jaħdem bħala kok f'lukanda f'Tas-Sliema;

Illi fl-1998, l-imħarrka riedet tixtri karozza bi tpartit ma' oħra li kellha diġa'. Din il-karozza nxtrat bin-nifs fid-19 ta' Frar, 1999[2], f'isem l-imħarrka u kellha titħallas fi żmien

---

[1] Xhieda tiegħu 23.6.2005, f'paġ. 125 tal-proċess
[2] Dok "KA1", f'paġ. 68 tal-proċess

ħames (5) snin[3]. L-attur jgħid li ħallas id-depożitu akkont tal-prezz u kif ukoll l-ewwel sitt (6) ħlasijiet ratejali. F'Settembru tal-1999, inqala' inċident meta l-attur kien mar minn rajh jiġbor lit-tifel minuri tal-imħarrka – Daniel Caruana – mill-iskola fejn jattendi u kien ħadu d-dar ta' l-imħarrka. Meta omm l-imħarrka u ħabib tagħha kienu marru wkoll għat-tifel fl-istess skola, kienu qalulhom li 'l Daniel kien diġa' għadda għalih xi ħadd ieħor. Inqalgħu l-kwestjonijiet u l-partijiet ma baqgħux joħorġu flimkien aktar. L-għada, missier l-attur u l-istess attur marru d-dar tal-imħarrka biex jiġbru ħwejjeġ l-attur. Il-kawża nfetħet f'Novembru tal-1999;

Illi jidher xieraq li l-ewwel konsiderazzjoni ta' dritt li jmissha ssir hija dik li tittratta dwar **l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrka.** L-imħarrka qegħda tgħid li l-ebda talba attriċi għall-ħlas ma tista' tintlaqa' għaliex tkun talba mibnija fuq kawża falza u illeċita. Hija torbot din il-kawża falza u illeċita mar-"relazzjoni extra-maritali" tagħha mal-attur. Minħabba n-natura tagħha, din l-eċċezzjoni trid titqies qabel kollox, għaliex l-allegazzjoni ta' nuqqas ta' siwi ta' obbligazzjoni minħabba allegata kawża illeċita hija waħda ta' ordni pubbliku, u tista' titqajjem ukoll mill-Qorti minn rajha[4]. Fil-każ li għandna quddiemna, mbagħad, din l-eċċezzjoni għandha minn sikkina b'żewġt ixfafar: għaliex jekk inhu minnu li l-attur ma jistax iressaq l-azzjoni tiegħu kif impostata minħabba li kien għamel żmien f'relazzjoni illeċita mal-imħarrka, bl-istess mod jista' jingħad li l-kontro-talba tal-imħarrka – li hija mibnija fuq is-serviġi li hija tgħid li tat lill-attur sewwasew matul ir-relazzjoni li kellhom flimkien – taqa' wkoll għaliex imsejsa fuq dik l-istess relazzjoni;

Illi, madankollu, huwa meħtieġ li wieħed jiċċara ftit is-siwi ta' din l-eċċezzjoni. Bħala prinċipju, l-liġi trid li obbligazzjoni mingħajr kawża jew mibnija fuq waħda falza jew illeċita ma jkollha l-ebda effett[5]. Din hija nullita' assoluta, għalkemm jekk, minbarra l-kawża espressa li tkun falza, jkun hemm fl-obbligazzjoni kawżi oħrajn li

[3] Dokti "A4", "KA3" u "KA2", f'paġġ. 30-1 u 69 sa 71 tal-proċess
[4] P.A. **18.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Vassallo vs Cuschieri et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.139)**
[5] Art. 987 tal-Kap 16

m'humiex kontra l-liġi, il-ftehim jista' jinżamm sħiħ fuq il-kawżi leċiti[6]. Kawża illeċita hija waħda li tkun ipprojbita mil-liġi jew tkun kontra l-egħmil xieraq jew kuntrarja għall-ordni pubbliku[7]. Kawża tkun kontra l-ordni pubbliku, meta tkun waħda li tmur kontra l-interess ġenerali[8]. Il-kawża illeċita tista' titnissel kemm f'dawk l-obbligazzjonijiet li jitwieldu permezz ta' ftehim miktub u kif ukoll minn sitwazzjonjiet li, kieku ma kienx għall-illegalita', joħolqu rapport b'effetti ġuridiċi bejn dawk involuti fih . Fuq kollox, il-fatt illeċitu jista' jkun jew fiċ-ċirkostanza innifisha li tnissel ir-rabta (*causa obligandi*) jew inkella f'xi ħin waqt li tkun qegħda titwettaq l-obbligazzjoni (*causa obligationis*) u fi ħdan obbligazzjoni li tkun għal kollox legali;

Illi l-konkubinat kien għal żmien twil miżmum bħala stat li jitnissel minn kawża illeċita. Ġieli tqies li persuna miżżewġa li toħroġ ma' persuna oħra bla ma torqod għandha kienet ukoll tikkostitwixxi relazzjoni ta' konkubinat[9]. Hekk ukoll kien hemm żmien meta r-relazzjonijiet ta' konkubinaġġ lanqas biss kienu jnisslu komunjoni ta' fatt[10] bejn il-persuni li jkunu għexu tant snin flimkien. Mal-milja taż-żmien, u minħabba li x-xejriet tal-imġiba soċjali nbidlu, dawn ir-relazzjonijiet barra r-rabta taż-żwieġ kienu hekk jitqiesu meta, bejn il-persuni involuti, kienet titnissel rabta x'aktarx stabbli, mifruxa fuq medda ta' żmien u aktar impenjattiva, li fiha l-partijiet jaqsmu l-ġid u l-ħajja tagħhom, b'intimata' fiżika li, x'aktarx, twassal ukoll għat-tnissil ta' wlied komuni;

Illi jidher li l-kriterju meħtieġ biex wieħed iqis jekk negozju (fis-sens wiesa' tal-kelma) li seħħ bejn tnejn li qegħdin fi stat ta' konkubinat huwiex milqut mill-kawża illeċita, huwa dak fejn issir distinzjoni bejn iċ-ċirkostanza fejn in-negozju jkollu rabta diretta mal-istat tal-konkubinat fis-sens li l-konkubinat kien il-kawża tan-negozju, u ċ-ċirkostanza fejn il-konkubinat kien sempliċi okkażjoni li fi ħdanu jitnissel in-negozju[11]. F'tal-ewwel, l-obbligazzjoni ma tiswiex, imma

[6] Art. 989 tal-Kap 16
[7] Art. 990 tal-Kap 16
[8] App. Ċiv. **15.11.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe et noe vs Aġius et pro et*** (Kollez. Vol: **XLI.i.684)**
[9] App. Inf. **6.3.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Tonna vs Borġ*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.367)**
[10] Ara App. Ċiv. **22.2.1929** fil-kawża fl-ismijiet ***Bornfield vs Littlejohn*** (Kollez. Vol: **XXVII.i.798**) u App. Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Laus*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.49)**
[11] P.A. **29.3.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Bajada vs Lumb*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.606**)

mhux hekk f'tat-tieni. F'każ partikolari, azzjoni mressqa biex kuntrattur jitħallas għal xogħol ta' bini li għamel f'post li hu kien qed ifassal li jgħix fih mal-maħbuba tiegħu ma ntlaqgħetx sewwasew għaliex il-Qorti qieset li l-konkubinat bejn l-attur u l-parti mħarrka kien il-qofol u l-kawża li għalih kien sar dak ix-xogħol[12];

Illi b'żieda ma' dan, huwa mgħallem ukoll li mhux kull negozju jew obbligazzjoni li titnissel matul iż-żmien li żewġ persuni jkunu daħlu f'relazzjoni intima bejniethom ta' konkubinat, hija milquta bin-nullita' jew bl-illiċejita'. F'dan ir-rigward, l-għoti ta' rigali jew għotjiet oħra b'liberalita' bejn il-persuni involuti wkoll ma kienx meqjus bħala milqut *ipso facto* mit-tebgħa tal-illiċejita' jekk kemm-il darba seta' jintwera li dawk in-negozji ma kinux suġġetti għall-kundizzjoni li r-relazzjoni tal-konkubinat trid titkompla[13]. Tibqa' dejjem ir-regola li l-karattru u l-għan tan-negozji, serviġi jew għotjiet jiddependu mill-provi li jirriżultaw mill-każ li jkun u suġġetti għall-konvinċiment morali tal-ġudikant fuq il-bażi tal-istess provi[14];

Illi f'dan il-każ, il-Qorti ma dehrilhiex li kellha tistħarreġ b'reqqa fiex kienet tikkonsisti tassew ir-relazzjoni bejn l-attur u l-imħarrka. Iżda, għalkemm intwera li l-imħarrka ma riditx li l-attur jidħol jgħix fid-dar tagħha qabel ma jkun kiseb id-divorzju minn ma' martu, intwera li r-relazzjoni tagħhom – bit-tlugħ u l-inżul tagħha – tawlet għal aktar minn tliet snin u kien hemm fehmiet li, kieku ma kienx għad-dewmien fl-għoti tad-divorzju, eventwalment kellhom jgħixu flimkien. Il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-attur ma kienx jiltaqa' mal-imħarrka għal dak iż-żmien kollu (u li kien għalih, baqa' f'dik ir-relazzjoni għal aktar żmien) sempliċement biex ikollu l-opportunita' li jmur jiekol għand ommha;

Illi mbagħad wieħed irid jara jekk kemm-il darba (u lil hinn mill-aspett purament morali) illum il-ġurnata, bil-mod kif is-soċjeta' tħares lejn ċerti valuri, wieħed għadux jista' jgħid li relazzjonijiet, ukoll jekk intimi, bejn żewġ persuni barra r-

---

[12] P.A. CS **31.1.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Jubber*** (mhix pubblikata)
[13] App. Ċiv. **22.4.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Morana vs Souness*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.160)**
[14] P.A. **22.6.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Schembri vs Wicker*** (Kollez. Vol: **XLVI.ii.624**)

rabta taż-żwieġ humiex relazzjonijiet kontra l-ordni pubbliku jew kontra l-interess ġenerali. Dan jingħad mhux daqstant għall-frekwenza u l-għadd li bih bosta persuni fis-soċjeta' Maltija llum jidħlu f'relazzjonijiet bħal dawn fi żmien jew ieħor ta' ħajjithom, daqs kemm għall-fatt li l-qagħda u n-negozji ta' nies bħal dawn huma aċċettati bħala rejalta' li minnha ma tistax taħrab jew tagħmel tabirruħek li mhix hemm. Imbagħad tkun ipokrezija mill-aqwa li, wara li tkun għext għal ċertu żmien f'relazzjoni bħal dik u ħadt minnha li stajt, tipprova tiżżerżaq minnha u mill-obbligi li jitnisslu billi, meta jinqala' l-għawġ, tallega li dik ir-relazzjoni kienet waħda illeċita;

Illi, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha li saru, l-Qorti qegħda tasal għall-fehma li l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrka m'għandhiex tintlaqa';

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis il-pretensjonijiet **fil-mertu** mressqin mill-partijiet. L-azzjoni tal-attur hija mibnija fuq il-bażi tal-arrikkiment indebitu min-naħa tal-imħarrka. Min-naħa l-oħra, l-azzjoni rikonvenzjonali tal-imħarrka hija mibnija fuq il-kważi kuntratt. Minħabba n-natura tal-bażi legali ta' kull waħda mill-azzjonijiet tal-partijiet, ma jidhirx li huwa meħtieġ li l-Qorti tintilef biex tqis x'wassal għat-tmiem tar-relazzjoni ta' bejniethom, u lanqas jekk kienx jaħti xi ħadd minnhom għal dan. Fil-fehma tal-Qorti, dan ikun stħarriġ bla ebda siwi u rilevanza għall-konsiderazzjonijiet li tassew imisshom isiru;

Illi **l-azzjoni mibdija mill-attur** hija l-azzjoni sussidjarja magħrufa bħala l-*actio de in rem verso*, li hija azzjoni mogħtija lil persuna f'dawk il-każijiet fejn ma tistax titressaq azzjoni *ex contractu*[15]. Din l-azzjoni hija msejħa sussidjarja għaliex ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min stagħna bi ħsara tiegħu[16] jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setgħet issir[17]. Tista' titressaq ukoll fejn jintwera li jkun għalxejn li l-attur l-ewwel jipprova jmexxi kontra d-

[15] P.A. **14.12.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima vs Fava et*** (Kollez. Vol: **L.ii.487**)
[16] P.A. **4.3.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Seychell vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.593**)
[17] P.A. **10.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Farruġia et*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.787**)

debitur tiegħu f'każ, per eżempju, li dan ikun falla jew telaq għal kollox mill-ġurisdizzjoni[18];

Illi l-azzjoni hija wkoll, u minħabba dak li għadu kemm ingħad, waħda ekwitativa[19]. Kemm hu hekk, il-prinċipju li jmexxi din l-għamla ta' azzjoni huwa dak li m'huwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta' ħaddieħor (*nemo licet locupletari cum aliena iactura*)[20]. Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mill-parti attriċi, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ[21]. Billi din l-azzjoni għandha l-għerq tagħha fl-istitut tal-kważi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wieħed leċitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni[22], u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata[23];

Illi ingħad ukoll[24] li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qegħda tikseb vantaġġ jew utilita'[25] minħabba li xi ġid ta' ħaddieħor għadda għandha jew minħabba li xogħlijiet jew servizzi twettqu fi ħwejjiġha bla ma sar il-ħlas għalihom jew b'mod li ġew iffrankati spejjeż lill-parti li b'hekk tkun stagħniet[26]; (b) it-tnaqqis mill-ġid tal-parti l-oħra b'titolu lukrattiv; (ċ) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra; (d) in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-oħra u (e) li min laqa' għandu l-ħaġa jew is-servizz stagħna b'dik il-ħaġa jew b'dak is-servizz[27];

Illi fil-każ tal-attur, dan jippretendi żewġ għamliet ta' ħlas mingħand l-imħarrka. Fl-ewwel lok, jippretendi li tgħaddilu lura l-flus li huwa ħareġ minn butu biex inxtrat il-karozza f'isem l-imħarrka. Fit-tieni lok, irid kumpens tal-ispejjeż li

---

[18] P.A. GV **26.4.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd. vs Stanley Sullivan et***
[19] *Dig. "De Jure Dotium"*, fr.6 *"Quia bono et aequo conveniat aut lucrari aliquem cum damno alterius, aut damnum sentire per alterius lucrum*"
[20] Kumm. **15.9.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Mattocks et vs McKeon*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.1018**)
[21] Pescatore – Ruperto Codice Civile Annotato (7ª Ediz. 1978) par 2041, paġ. 2008
[22] Art. 1012 tal-Kap 16
[23] Art. 1019 tal-Kap 16
[24] Ara, per eżempju, Torrente Manuale di Diritto Privato (9ª Edit., 1975) par 387, paġ. 634
[25] App. Kumm. **5.4.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Żammit Tabona*** (Kollez. Vol: **XLI.i.631**)
[26] Amos & Walton's Introduction to French Law (3rd Edit.) , paġ. 197
[27] P.A. **30.11.1955** fil-kawża fl-ismijiet P***arnis vs Vella noe*** (Kollez Vol: **XXXIX.ii.764**)

nefaq fix-xogħlijiet li huwa għamel fl-appartament tal-imħarrka u li jitħallas ta' dak ix-xogħol;

Illi fil-każ tax-xiri tal-karozza tal-għamla *Kia Avela*, jirriżulta li l-ħsieb oriġinali kien li din tinxtara mill-attur fuq ismu u li l-karozza tkun tal-għamla *Kia Pride*. Ma ġarax hekk għaliex, billi l-karozza kienet sejra tinxtara bin-nifs, kien meħtieġ li martu tiffirma miegħu u tagħti l-kunsens tagħha. Billi l-attur u martu kienu mifrudin, kellu jaċċetta li tinxtara f'isem l-imħarrka. L-attur kien ikun dejjem preżenti fin-negozjati qabel intgħażlet il-karozza u wkoll dak inhar li nxtrat[28]. Dawn il-fatti ngħadu mill-partijiet ukoll fil-preżenza ta' terzi[29]. Minbarra dan, jirriżulta li l-attur ħallas l-akkont ta' mitejn lira Maltija (Lm 200) mal-iffirmar tal-kuntratt. L-imħarrka tistqarr dan, imma tgħid li l-attur kien taha dik is-somma bħala rigal[30]. Meta mbagħad, inbidel il-ħsieb u l-mudell tal-karozza, l-attur żied iħallas mal-erba' mitt lira Maltija (Lm 400) oħrajn bħala aġġustament fil-prezz tal-vettura l-ġdida[31]. Minbarra dan, jirriżulta li jew l-attur, jew missieru[32] kienu baqgħu iħallsu r-rati ta' kull xahar skond il-kuntratt u dan għaż-żmien kollu sakemm l-attur baqa' joħroġ mal-imħarrka. Jekk wieħed iqis id-data tax-xiri u ż-żmien meta l-partijiet waqfu joħorġu flimkien, dan iġib sewwasew il-perjodu ta' sitt (6) xhur. Kull skadenza kienet ta' Lm 59.17. B'hekk jiġi li ħallas b'kollox tliet mija u ħamsa u ħamsin lira Maltija (Lm 355) f'pagamenti ratejali. Il-bqija tal-prezz tħallas mill-imħarrka[33];

Illi fil-każ tax-xogħlijiet magħmulin fl-appartament tal-imħarrka, l-attur jgħid li huwa żeba' kważi l-kmamar kollha tal-imsemmi appartament. L-imħarrka tgħid li laħaq żeba' kamra waħda biss u waqqfitu għaliex ix-xogħol m'għamlux sewwa u reġgħet qabbdet lil min jagħmlu. Dan il-konflitt ta' provi Dwar il-mod u ż-żmien li l-attur dam jaħdem fil-post, ma tressqu l-ebda provi li wieħed jista' joqgħod fuqhom b'moħħ mistrieħ. Kien imiss lill-attur li jagħti prova

---

[28] Xhieda ta' Emanuel Sammut 15.6.2001, f'paġġ. 42-4 tal-proċess
[29] Xhieda ta' Trevor Mallia 14.11.2001, f'paġ. 54 tal-proċess
[30] Affidavit tagħha tat-13.5.2002, f'paġ. 65 tal-proċess
[31] Affidavit tiegħu 10.4.2001, f'paġġ. 24-5 tal-proċess
[32] Dok "H1", f'paġ. 27 tal-proċess
[33] Ara d-dokumenti f'paġġ. 114-5 tal-proċess

tajba ta’ dak li seħħ, iżda naqas li jagħmel dan. Mhux dmir tal-Qorti li tagħmel tajjeb għal dak li jonqsu jagħmlu l-partijiet fil-kawża tagħhom. Dwar l-ispejjeż, l-attur isemmi biss[34] is-somma ta’ ħamsin lira Maltija (Lm 50). Minkejja li jgħid li xtara wkoll *sealer* u bieb tal-metall, la jgħid kemm nefaq u lanqas ressaq riċevuta li turi l-ammont, u dan minkejja li qal li kien għad għandu l-irċevuti f’idejh[35]. L-imħarrka tgħid[36] li l-attur kien ġab il-bieb mil-lukanda fejn kien jaħdem għaliex kienu bidluhom kollha u kienu se’ jarmuhom. Wara li qieset dan kollu, u wkoll billi l-imħarrka ma ċaħditx li ż-żebgħa xtraha l-attur, il-Qorti tasal biex tilllikwida biss is-somma ta’ ħamsin lira Maltija favur l-attur;

Illi, meta wieħed iqabbel dawn iż-żewġ ċirkostanzi mal-elementi tal-azzjoni mibdija mill-attur, wieħed isib li l-azzjoni tiegħu hija mistħoqqa u jmiss lill-imħarrka li, ladarba ġidha stagħna bi spejjeż tal-attur, tħallsu lura tagħhom. Il-Qorti qegħda tasal biex tillikwida s-somma ta’ disa’ mija u ħamsa u ħamsin lira Maltija (Lm 955) dwar l-ispejjeż marbuta max-xiri tal-karozza f’isem l-imħarrka, u s-somma ta’ ħamsin lira Maltija (Lm 50) għax-xiri taż-żebgħa fix-xogħol tal-appartament;

Illi **l-azzjoni rikonvenzjonali mibdija mill-imħarrka** jidher li tinbena fuq żewġ kawżali. L-ewwel kawżali hija dik tas-serviġi, u t-tieni waħda hija dik tar-radd lura ta’ flejjes misselfa. Il-Qorti tibda biex tqis it-tieni minn fost dawn iż-żewġ kawżali u tgħid bla ebda tnikkir li din il-kawżali ma tirriżultax bl-ebda mod. Mhux biss l-imħarrka ma fissritx fiex kien jikkonsisti s-self li hija tallega li għamlet lill-attur, iżda matul is-smigħ kollu tal-kawża lanqas biss reġgħet semmietu. M’hemmx għalfejn jingħad li anqas u anqas qalet kemm kien dan l-ammont misluf, jew ressqet xi ħjiel ta’ prova biex tissostanzja l-allegazzjoni tagħha;

Illi għalhekk, it-tielet u r-raba’ talbiet rikonvenzjonali tal-imħarrka m’humiex sejrin jintlaqgħu;

---

[34] Affidavit tiegħu, f’paġ. 26 tal-proċess
[35] Xhieda tiegħu 23.6.2005, f’paġ. 127 tal-proċess
[36] Affidavit tagħha f’paġ. 65 tal-proċess

Illi dwar il-kawżali tas-serviġi jibda biex jingħad li l-bażi ta' azzjoni għal servizzi mogħtija minn persuna favur persuna oħra trieġi fuq żewġ sisien: jiġifieri, fuq il-kważi kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jagħti servizz lil ħaddieħor jagħmel hekk bil-fehma li jitħallas ta' dak li jagħmel[37]. Minbarra dan, ilu żmien twil aċċettat li l-ħlas ta' serviġi jista' jkun dovut mhux biss *jure actionis*, jiġifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll *officio judicis*, jiġifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu[38] jew kien imwiegħed ħlas għalih. Biex wieħed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li titħallas, għandu jitqies il-waqt meta ngħataw tali servizzi, għaliex iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara ma jservux biex joħolqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joħolqu[39];

Illi fil-każ preżenti, l-imħarrka tgħid li tali serviġi kienu jikkonsistu fl-ispejjeż tal-ikel li ommha kienet issajjar lill-attur kull darba li kien imur għandha. L-imħarrka tgħid ukoll li kienet tonfoq xi spejjeż ta' alimenti partikolari li kien jikkonsma l-attur. L-imħarrka tgħid li kienet tagħti ħdax-il lira Maltija (Lm 11) fil-ġimgħa lil ommha għal dawn l-ispejjeż. Issemma li huwa kien beda jidħol għand ommha sa minn meta bdew joħorġu flimkien, u wkoll li hu kien jiekol għand ommha kuljum[40]. L-attur jiċħad dan u jgħid li kien imur għall-ikel għand omm l-imħarrka kultant u biss meta jkun mistieden[41]. L-attur isemmi wkoll iċ-ċirkostanza probabbli li, ladarba x-xogħol tiegħu kien ta' kok u kien jaf isajjar u jaħdem fi stabiliment li jservi l-ikel, ma kienx wisq probabbli li huwa kellu għalfejn imur jiekol għand ħaddieħor jew li ħaddieħor kellu għalfejn joqgħod isajjarlu;

Illi, minkejja dan kollu, u meta wieħed jifli sewwa l-provi li jirriżultaw u l-applikazzjoni ta' dawk il-provi għall-prinċipji legali marbuta mal-azzjoni tas-serviġi, wieħed jintebah li l-azzjoni rikonvenzjonali taqa' fuq żewġ ċirkostanzi essenzjali. Fl-ewwel lok, is-serviġi allegati (it-tisjir u l-għoti

[37] Ara, per eżempju, P.A. CS **11.7.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Cassar vs Lawrence Seychell*** (Mhix pubblikata)
[38] P.A. **3.10.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Briffa noe*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.664**)
[39] P.A. **6.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Deidun vs Poggi et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.568**)
[40] Affidavit ta' Mary Caruana 13.5.2002, f'paġ. 83 tal-proċess
[41] Xhieda tiegħu 23.6.2005, f'paġ. 128 tal-proċess

ta' ikliet) ma twettqux mill-imħarrka rikonvenzjonanti, imma minn ommha. Dan ifisser għalhekk, li l-imħarrka m'hijiex il-persuna li tista' tippretendi mingħand l-attur il-ħlas ta' serviġi li ma tatux. Il-fatt li hija allegatament kienet tagħti l-flus lil ommha kull ġimgħa, kien jagħti lok li hija tipproċedi kontra l-awtur b'kawża ta' għamla oħra, imma mhux waħda ta' serviġi. Fit-tieni lok, l-imħarrka stqarret[42] li ressqet il-pretensjonijiet tagħha kontra l-attur wara li hu kien fetħilha l-kawża u minħabba f'hekk. Dan jixhed li, fil-waqt li kienu qegħdin jingħataw l-allegati serviġi u sa ma ntemmet ir-relazzjoni bejnha u l-attur, l-imħarrka ma kellhiex il-fehma li dak li qegħda jew setgħet kienet qegħda tagħmel mal-attur riedet titħallas tiegħu. F'dan il-każ, għalhekk, jonqos wieħed mill-elementi essenzjali li kien meħtieġ biex l-azzjoni rikonvenzjonali tal-imħarrka setgħet tirnexxi;

Illi jibqa' t-tielet kawżali li fuqha tinbena l-azzjoni rikonvenzjonali, u jiġifieri l-ħlas lura tal-oġġetti li l-imħarrka kienet ġabet lill-attur minn barra meta kienet issiefer u f'ċirkostanzi oħrajn. Hija tippretendi b'kollox elf u ħamsin lira Maltija (Lm 1050). L-attur jistqarr li l-imħarrka kienet fil-fatt tixtrilu u ġġiblu ħwejjeġ minn barra, u jaċċetta li dan seħħ mill-anqas darbtejn[43]. Il-Qorti tistqarr li dwar din il-kawżali sabet diffikulta' biex tasal f'fehma sħiħa, l-aktar minħabba l-fatt li l-imħarrka nnifisha kienet stqarret, f'xi żmien qrib meta waqqfet ir-relazzjoni tagħha mal-attur, li jekk l-attur kellu jagħtiha xi flus, kienet qegħda ċċedihomlu[44];

Illi għalhekk, filwaqt li l-ewwel talba rikonvenzjonali tidher kontradetta minn dik id-dikjarazzjoni, jibqa' dejjem il-fatt li l-attur ingħata xi kwantita' ta' ħwejjeġ u li dawn użahom bi gwadann għalih. F'dan il-każ, għalhekk, il-Qorti tħoss li b'sens ta' ekwita' u fuq l-istess bażi li qieset it-talbiet attriċi, sejra tillikwida *arbitrio boni viri* s-somma ta' mitejn u ħamsin lira Maltija (Lm 250) bħala somma li l-attur għandu jħallas lill-imħarrka għas-saldu tal-pretensjonijiet tagħha taħt din il-kawżali;

---

[42] Kontro-eżami tagħha 18.6.2003, f'paġ. 101 tal-proċess
[43] Xhieda tiegħu 23.6.2005, f'paġġ. 127-8 tal-proċess
[44] Ara "Dok "HS1", f'paġ. 97 tal-proċess

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrka bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-attur għandu jedd jirċievi mingħand l-imħarrka r-irifużjoni ta' flejjes maħruġin minnu dwar xiri ta'karozza u dwar spejjeż ta' materjal użat fl-appartament tal-imħarrka;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tordna lill-imħarrka tħallas lura lill-attur is-somma ta' disa' mija u ħamsa u ħamsin lira Maltija (Lm 955) li huwa ħareġ minn butu akkont tax-xiri tal-imsemmija karozza;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tillikwida l-ispejjeż pruvati li l-attur nefaq fl-appartament tal-imħarrka fis-somma ta' ħamsin lira Maltija (Lm 50);

**Tilqa' r-raba' talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrka tħallas ukoll lill-attur is-somma ta' ħamsin lira Maltija (Lm 50);

**Tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali** billi tiddikjara li l-imħarrka jistħoqqilha tirċievi mingħand l-attur kumpens għall-ispejjeż pruvati li daħlet fihom meta xtratlu ħwejjeġ meta siefret u f'okkażjonijiet oħrajn;

**Tilqa' t-tieni talba rikonvenzjonali** billi tillikwida l-ispejjeż li tagħhom l-attur rikonvenzjonat irid jagħmel tajjeb lill-imħarrka fl-ammont ta' mitejn u ħamsin lira Maltija (Lm 250);

**Tiċħad it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet rikonvenzjonali** billi ma jirriżultawx mistħoqqa;

**Tilqa' s-seba' talba rikonvenzjonali** billi tikkundanna lill-attur iħallas lill-imħarrka mitejn u ħamsin lira Maltija (Lm 250); u

**Tordna** li l-imħarrka tħallas **l-ispejjeż** tal-kawża u żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) mill-ispejjeż tal-kontro-talba, filwaqt li l-attur iħallas terz ($^{1}/_{3}$) tal-ispejjeż tal-kontro-talba. L-imgħaxijiet fuq is-somom likwidati jibdew jgħaddu millum sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------